MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 326/2006

Il-Pulizija
(Spt. S. Valletta)

Vs
Joseph Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli b'diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fis-Swieqi, nhar s-sittax ta' Marzu 2000, f'xi hin filghodu :
1. kkommetta serq ta' diversi oggetti minn fond numru 28, Triq Madliena, Swieqi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin ghad-dannu ta' Maria Colombo;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta serq ta' diversi oggetti minn fond numru 27, Triq Madliena, Swieqi,

liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Paul Aquilina;
3. fiz-Zurrieq, nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2000, f'xi hin filghodu, kkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom deheb u flus minn fond 'Charisma', Triq n-Nigret, Zurrieq, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Guseppi Cilia;
4. rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar l-hmistax ta' Settembru 1994, nhar s-sbatax ta' Frar 1995, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 1995, nhar s-sebgha ta' April 1997, nhar t-tlettax ta' Novembru 1998 u nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
5. kiser zewg provedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tieghu nhar t-tlettax ta' Novembru 1998 u nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000, b'liema sentenzi kien gie misjub hati w liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 t' Ottubru , 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, fuq ammissjoni tieghu stess, u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs.
Il-Qorti kkundannat lill-appellant ukoll ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti nominati fl-ammont komplessiv ta' hames mija sitta w hamsin lira u hamsin centezmu (LM 556.50) u dan fi zmien tlett (3) xhur u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija. Finalment ordnat li d-dokumenti esebiti l-Qorti w immarkati bhala PSP 1611 u PSP 1879 jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, w tirrimanda l-

atti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena w minnflok tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti w cioe' :- Li ma jirrizultax mill-verbal li l-appellant inghata t-twissija skond il-ligi (art. 392A (1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali) kif ukoll ftit taz-zmien biex jista' jerga lura mill-ammissjoni tieghu w dan skond il-gurisprudenza citata fir-rikors tal-appell, igib in-nullita' tas-sentenza. Minghajr pregudizzju l-piena erogata, kienet wahda eccessiva. Fic-cirkostanzi peress li hu ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u dan meta kien ghad fadlilhom jiddeponu diversi xhieda tal-prosekuzzjoni. Li l-piena karcerarja hija kontroproduttuva (Sic!) fil-kaz tieghu w ma tohloqx bilanc bejn l-element retributtiv u l-element riformattiv. Ghalhekk talab li jithejja pre-sentencing report ghax hu kandidat u eligibbli ghall-provvedimenti tal-Kap.446 bhal xoghol fil-komunita' jew probation.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju, l-appellant qed isostni li s-sentenza hija nulla ghax ma giex segwit l-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-artikolu 392A. Illi f'dan il-kaz l-appellant ma kienx irregistra ammissjoni mill-ewwel izda fi stadju pjuttost inoltrat tal-proceduri u cioe' biss fil-25 t' Awwissu, 2006, **cioe' aktar minn hames snin wara li kienu bdew il-proceduri kontra tieghu** (Fol. 324) u meta l-kawza kienet waslet fl-ahhar. Meta kien sarlu l-ezami skond l-art. 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali (fol. 17), kien wiegeb li mhux hati.

Issa l-artikolu 392 (1) jiddisponi li :-

"*Jekk l-akkuzat,* ***bi twegiba ghall-mistoqsija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 392*** *, jistqarr li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat, …id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 453 ghandhom mutatis mutandis japplikaw bla hsara ghad-dispozizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu*." (emfasi w sottolieanear ta' din il-Qorti).

Issa mall-ewwel jigi nutat li din il-procedura tapplika ghat-twegiba tal-akkuzat fl-istadju inizjali tal-process u cioe' meta jigi mistoqsi mill-Qorti tal-Magistrati x' iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu skond l-art. 390(1) u 392 (1)(b). Hu proprju ghalhekk li l-ligi tirriferi ghad-dispozizzjoni applikabbli quddiem il-Qorti Kruiminali u cioe' l-art. 453 li tapplika biss fil-kaz ghar-risposta tal-akkuzat fil-bidu tal-guri skond l-art. 450 u cioe' :-

*"Wara li jinqatghu l-eccezzjonijiet preliminari jew jekk ebda eccezzjoni ta' din ix-xorta ma tigi moghtija, l-akkuzat jigi mistoqsi jekk hux hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-att ta' l-akkuza."*

Ir-raguni ghala l-ligi trid li l-Qorti twissi lill-akkuzat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-twegiba tieghu, meta jghid li hu hati, w taghtih ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, hija li jista' jaghti l-kaz li fl-istadju inizjali tal-process l-akkuzat ikun ghadu ma fehemx ezatt l-implikazzjoni ta' tali ammissjoni.

Issa meta mbaghad jibda l-process, u l-akkuzat f' xi stadju jidhirlu li ma ghandux jikkontesta xi akkuza jew akkuzi partikolari , kif ta' spiss jigri fil-kors ta' guri, jew fejn - b' mod aktar diplomatiku - id-difiza tiddikjara quddiem il-gurati b' verbal ad hoc jew waqt l-arringa jew kontro-replika, li "qed tirrimetrti ruha" , l-ligi ma tesigix li jigi segwit dak li jiddisponi l-art. 453 (1) u tali ammissjoni, nuqqas ta' kontestazzjoni , jew rimessa ghall-gudizzju tal-gurati w tal-Qorti jigu semplicemement notati fil-kors tad-dibattitu w lanqas biss ma hu mehtieg li jigu verbalizzati. Ghalhekk

l-artikolu 453 ma japplikax ghal xi ammissjoni in toto jew in parte tal-akkuzi li jissucciedu fi stadju ulterjuri tal-process, quddiem il-Qorti Kriminali.

Ergo l-istess japplika ghall-ammissjonijiet fl-istadji inoltrati tal-kumpilazzjoni, kif gara f' dan il-kaz, u l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiehu nota verbalizzata tal-istess ammissjoni minghajr il-htiega li ssegwi l-procedura dettata fl-artikoli 392A u 453(1). Terga' u tghid f' dan il-kaz l-appellant ha aktar minn hames snin biex jahsibha w x' aktarx li rregistra l-ammissjoni tieghu proprju f'dan l-istadju inoltrat ghal ragunijiet tattici biss. Meta wiehed iqis il-fedina penali arci-refrattarja tieghu, wiehed bil-fors jikkonkludi li l-appellant kien zgur jaf u jifhem l-implikazzjoinijiet ta' tali ammissjoni wara hames snin li kien ilu ghaddej il-process kontra tieghu w li fost dawn l-implikjazzjonijiet kien hemm x' aktarx il-konsiderazzjoni li jekk jammetti, jista' jottjeni xi riduzzjoni fil-piena, mossa pero' li l-Ewwel Qorti intravvediet u gustament ma waqghetx ghaliha.

Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti ma tirraviza ebda nullita' f' dak li sar u fis-sentenza appellata w kwindi l-ewwel aggravji qed jigi michud.

Ikkonsidrat;

Ghar-rigward tal-appell sussidjarju dwar il-piena, jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.)

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Illi mbaghad jigi osservat li l-appellant ammeta l-htija ta' sensiela ta' reati ta' serq minn djar t' abitazzjoni kif ukoll li hu kien recidiv u li kiser il-provvedimenti tal-art. 5 tal-

Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu b' sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati.

Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu nstab hati mill-Qrati mhux inqas minn tminja w ghoxrin darba u, fil-kaz ta' hdax il-kundanna minnhom, ghal reati minnu kommessi addirittura fil-mori ta' dan il-process. Fost dawn ir-reati hemm dawk ta' serq aggravat , tentattiv ta' serq, ricettazzjoni, glied serq ta' u minn vetturi, hsarat volontarji, pussess ta' arma bla licenzja, sewqan bla insurance u bla licenzja u diversi reati ohra tat-traffiku. Il-fedina penali tieghu hi mhux biss voluminuza izda "*speaks volumes"* fuq l-atteggjament tal-appellant fil-konfront tal-ligijiet tal-pajjiz.

It-talba biex, b' fedina penali bhal dik, l-appellant jerga' jinghata *probation* li hu kiser kemm il-darba jew li jitqabbad jaghmel xoghol fil-kumunita' , ma tistax tittiehed bis-serjeta'.

Umbaghad il-piena altru li ma hijiex harxa anzi, fic-cirkostanzi, hija wahda miti ghall-ahhar. Ghalhekk taht kull aspett dan l-aggravju ukoll qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------